MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 405/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef sive Joseph Sharfid**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josef sive Joseph Sharfid talli:

(1) fit-18 ta' Gunju 2008 ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija, mill-fond bl-isem 'International House' No. 128, Triq is-Sirk, Swieqi, ikkommetta serq ta' *laptop* 'Sony' ghad-dannu ta' Corinne Xuereb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Corinne Xuereb, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69);

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(4) sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imsemmi Josef sive Joseph Sharfid ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 325, 17, 20, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Josepf sive Joseph Sharfid hati ta' l-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu tlettax-il (13) xahar prigunerija. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, ghal liema nstab hati, l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess imputazzjoni. Inoltre, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-istess Josef sive Joseph Sharfid gie kkundannat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub, ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba mija u erbgha u disghin euro u tlieta u sittin centezmu (€494.63) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Josef sive Joseph Sharfidipprezentat fis-17 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Qabel xejn jigi osservat illi meta gie ttrattat l-appell quddiem din il-Qorti, l-abbli difensur ta' l-appellant issottometta illi meta l-appellant irrilaxxja l-istqarrija tieghu huwa ma kienx gie offrut l-ghazla li jikkonsulta ma' avukat u ghalhekk l-istqarrija m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. F'dar-rigward id-difiza ghandha ragun peress illi mill-atti ma jirrizultax illi l-appellant inghata l-opportunita` li jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel ma ttiehdet l-istqarrija. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiddeciedi konformement ma' dak deciz fil-gurisprudenza recenti tal-Qorti Kostituzzjonali[1], u ghalhekk minghajr ma thalli l-istqarrija *de quo* jkollha ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

**6.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jissolleva tliet aggravji: (1) li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti ghax ma jirrizultax mill-atti illi P.S. Robert Scicluna eleva impronta digitali minn fuq hgiega mkissra izda kienet biss sottomissjoni tal-prosekuzzjoni; (2) li d-dannu ma sarx lil Corinne Xuereb izda lill-kumpanija principali; (3) li t-tieni imputazzjoni kellha tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**7.** L-ewwelnett, b'referenza ghat-tieni aggravju, jirrizulta mix-xiehda ta' Corinne Xuereb li hija kienet direttrici ta' l-iskola mnejn sar is-serq in kwistjoni. Issa, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk: **"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."** Jekk l-

[1] **Pulizija v. Alvin Privitera** deciza nhar il-11 ta' April 2011, **Pulizija v. Esron Pullicino** deciza fit-12 ta' April 2011 u **Pulizija v. Mark Lombardi** deciza fit-12 ta' April 201.

iskola kienet gestita minn kumpanija u Corinne Xuereb kienet direttrici ta' dik il-kumpanija, Corinne Xuereb kellha kull interess fil-laptop. Inoltre din il-Qorti ma tara xejn irregolari fl-imputazzjoni kif dedotta li tikkontjeni l-fatti principali skond l-imsemmi subartikolu (2) ta' l-artikolu 360. Konsegwentement it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

**8.** Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u tghid mill-ewwel li l-appellant m'ghandux ragun. L-ewwelnett P.S. 964 Robert Scicluna stess xehed illi fid-19 ta' Gunju 2008 huwa gie nkarigat mill-Ispettur Trevor Micallef sabiex imur l-International School of Language fi Triq is-Sirk, Swieqi sabiex jaghmel ezamijiet ghal impronti digitali. Minn hemm eleva impronta digitali li huwa esebixxa quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2009, u dan flimkien ma' ritratt tal-*lifter* u ritratt tal-hgiega li minn fuqha eleva l-impronta. Dan kollu gie mmarkat bhala Dok. RS1 u jinsab esebit go *envelope* a fol. 38 tal-process. Il-*lifter* gie deskritt minn P.S. 964 bhala "impronti digitali li kien hemm fuq parti ta' hgiega li kien hemm ma' l-art barra mill-bieb ta' fejn sar l-iskass (ufficcju tad-direttrici)" – ara l-*lifter* fl-istess dokument.

**9.** Mir-ritratti li ha u esebixxa P.S. 186 Christian Mintoff jirrizulta illi d-dhul ghall-fond sar minn bieb li jaghti ghall-ufficcju mnejn insteraq il-laptop u dan billi l-halliel l-ewwel acceda ghall-bitha li tidher li tinsab fil-genb tal-fond, imbaghad sgassa hgiega fil-bieb ta' l-aluminium. Jidher li parti mill-hgiega (dik li fuqha nstabet impronta) nehhiha b'idejh – dan qieghed jinghad mhux biss ghax instabet impronta fuqha izda anke ghax hija bicca hgiega pjuttost kbira li kieku waqghet ma' l-art kienet tinkiser – sabiex ikun jista' b'hekk jidhol fil-fond.

**10.** Joseph Mallia gie nominat mill-ewwel Qorti bhala espert sabiex jiehu l-impronti ta' l-appellant u jaghmel ezami komparattiv mal-*lifter* esebit minn P.S. 964 Robert Scicluna. Dan l-espert ha l-impronti ta' l-appellant u wara li ghamel ezami komparattiv mal-*lifter* imsemmi kkonkluda li "l-impronta elevata permezz tal-*lifter* dokument 08 BJC

301 giet ikkomparata pozittivament mal-marka tas-saba’ l-kbir ta’ l-id ix-xellugija ta’ Josef Sharfid li joqghod fil-fond numru 191, Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 392375(M).”

**11.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta’ Settembru 2008 fejn l-unika prova kienet impronta ta’ pala ta’ l-id, intqal:

**“Ghalhekk ghalkemm l-akkuzat appellant ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt - kif kellu dritt - ma xehedx biex jispjega kif il-pala ta' idejh proprju halliet l-impronta taghha fuq il-bieb ta' barra laterali li gie sgassat, mill-banda l-ohra ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensuri tieghu biex tikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innocentement fuq bieb li ma kellux jintuza minnu. Fil-kors normali tal-hajja n-nies ma joqoghdux icappsu idejhom ma bibien tan-nies, specjalment bibien li ma jintuzawx. Anki jekk l-appellant kien jiffrekwenta ta' spiss l-istabbiliment in kwistjoni, hu suppost li kien jidhol fih mill-bieb principali li addirittura kien jinstab wara l-kantuniera fi triq ohra. Ghalhekk ma kien hemm ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marka tal-pala ta' idu kellha tinstab fuq il-bieb in kwistjoni. F'dan is-sens l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi li l-marka tal-pala ta' id l-appellant fuq il-bieb sgassat kienet prova li torbtu mas-serqa ghax anki jekk stess kien imur f'dak l-istabbiliment, qatt ma suppost kellu kuntatt ma dak il-bieb partikolari w ma kienx lanqas probabbli li hu jhalli l-marka tieghu proprju fuq dak il-bieb innocentement jew b'kumbinazzjoni.”**

**12.** Bhal f’dak il-kaz, fil-kaz odjern l-impronta nstabet fuq hgiega ta’ bieb laterali u, bhalma ntqal fil-paragrafu 9, il-parti tal-hgiega li fuqha nstabet l-impronta nehhiha l-halliel b’idejh sabiex ikun jista’ b’hekk jidhol fil-fond. Bhal f’dak il-kaz ukoll, l-appellant ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensuri tieghu

biex tikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innocentement fuq bieb li ma kellux jintuza mill-appellant galadarba dak kien jaghti direttament ghall-ufficcju tad-direttrici. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud ukoll.

**13.** L-ahhar imputazzjoni tirrigwarda l-piena peress illi l-appellant jghid illi t-tieni imputazzjoni kellha tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Li t-tieni imputazzjoni ghandha tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni huwa minnu. L-ewwel Qorti ma qalitx jekk ikkunsidratx dan il-punt, ghalkemm effettivament irreferiet ghall-artikolu 17 tal-Kap. 9. Issa, il-piena ghall-ewwel imputazzjoni hi ta’ prigunerija minn hames xhur sa tliet snin li tizdied bi grad ghal seba’ xhur sa erba’ snin u ma tinghatax fil-*minimum* (art. 278(1)(2)(3) tal-Kap. 9). Dan ifisser illi l-piena minima kellha tkun ta’ tlettax-il xahar u ghoxrin gurnata. B’hekk meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ tlettax-il xahar prigunerija hija marret taht il-piena minima applikabbli. Ghaldaqstant ma jista’ jsir ebda tnaqqis fil-piena.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------